II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2009

dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jipprovdi għal ċerti derogi għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet taż-żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti tal-għalf skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE biex jiġi stabbilit jekk ċerti speċi li mhumiex imniżżla fid-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/55/KE jew 2002/57/KE jissodisfawx ir-rekwiżiti biex ikunu inklużi fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 724)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/109/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żrieragħ tal-għalf [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Billi:

(1) L-għarfien tradizzjonali tal-bdiewa flimkien ma' riżultati riċenti mir-riċerka jindikaw li xi speċi tal-*Leguminosae* u tal-*Plantago lanceolata* li mhumiex imniżżla fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE [2], 2002/55/KE [3] jew 2002/57/KE [4] (minn issa 'l quddiem "il-leġiżlazzjoni eżistenti"), b'mod partikolari meta użati ma' taħlitiet ma' speċi koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti, huma interessanti għall-produzzjoni tal-għalf minħabba li jippermettu għalf bilanċjat għall-annimali tul is-sena filwaqt li, fl-istess ħin, jikkontribwixxu għar-riabilitazzjoni tal-ħamrija f'artijiet li jinħartu jew dawk li jinżergħu marġinalment. Dan jgħodd għall-*Biserrula pelecinus*, il-*Lotus glaber*, il-*Lotus uliginosus*, il-*Medicago italica*, il-*Medicago littoralis*, il-*Medicago murex*, il-*Medicago polymorpha*, il-*Medicago rugosa*, il-*Medicago scutelatta*, il-*Medicago truncatula*, l-*Ornithopus compressus*, l-*Ornithopus sativus*, il-*Plantago lanceolata*, it-*Trifolium fragiferum*, it-*Trifolium glanduliferum*, it-*Trifolium hirtum*, it-*Trifolium michelianum*, it-*Trifolium squarrosum*, it-*Trifolium subterraneum*, it-*Trifolium vesiculosum*, u l-*Vicia benghalensis* (minn issa 'l quddiem "l-speċi msemmija fil-premessa 1").

(2) F'konformità mat-tieni inċiż tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 66/401/KEE, huma biss iż-żrieragħ tal-speċi tal-pjanti mniżżla fil-leġiżlazzjoni eżistenti, bl-eċċezzjoni tal-varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE [5], li jistgħu jitqiegħdu fis-suq madwar il-Komunità f'taħlitiet ta' żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti tal-għalf. Fin-nuqqas tal-possibilità li jitqiegħdu fis-suq taħlitiet ta' żrieragħ li jkun fihom żerriegħa tal-speċi msemmija fil-premessa 1, il-bdiewa li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minn dawk l-speċi jridu jġorruhom u jiżirgħuhom bħala speċi individwali, jew f'ċerti każi, jippreparaw taħlitiet huma stess fir-razzett, xi ħaġa li tinvolvi aktar spejjeż u xogħol. Barra minn hekk, hemm ir-riskju dejjem jikber li l-speċi differenti inklużi fit-taħlita jitqassmu b'mod mhux l-istess fl-għelieqi minħabba li t-taħlitiet ma jkunux tħejjew minn nies professjonali.

(3) Biex l-speċi msemmija fil-premessa 1 jitħallew jitqiegħdu fis-suq f'taħlitiet bħal dawn tkun meħtieġa emenda fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE billi wieħed jinkludi f'dik id-dipożizzjoni dawk l-speċi.

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
[3] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
[4] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.
[5] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.

(4) Biex tittieħed deċiżjoni dwar emenda bħal din lill-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE, hu meħtieġ li tingħabar informazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet li jinkludu l-ispeċi msemmija fil-premessa 1. Jeħtieġ li jiġi vverifikat, partikolarment, jekk fejn dawn l-ispeċi huma użati fit-taħlitiet, huwiex possibbli li wieħed jikkonferma b'kontroll ta' wara uffiċjali li l-perċentwali ta' żerriegħa ta' kull komponent indikata fuq it-tikketta tal-pakkett tikkorrispondix mal-kompożizzjoni tat-taħlita u jekk it-taħlitiet tal-istess lott humiex omoġenji fil-pakketti kollha li tqiegħdu fis-suq. Fin-nuqqas ta' dik l-informazzjoni, ma jkunx possibbli li l-utenti jingħataw garanzija li ż-żerriegħa tat-taħlitiet li fihom l-ispeċi msemmija fil-premessa 1 se tipprovdi riżultati ta' kwalità għolja.

(5) Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi organizzat esperiment temporanju biex jiġi vverifikat jekk l-ispeċi msemmija fil-premessa 1 jissodisfawx ir-rekwiżiti biex jiġu inklużi fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE.

(6) L-Istati Membri li se jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-esperiment għandhom jinħelsu mill-obbligi stipulati fit-tieni inċiż tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 66/401/KEE fir-rigward tal-ispeċi msemmija fil-premessa 1. Għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq tat-taħlitiet li fihom dawk l-ispeċi b'ċerti kundizzjonijiet.

(7) Huwa xieraq li wieħed jipprovdi għal rekwiżiti xierqa għaċ-ċertifikazzjoni tal-ispeċi msemmija fil-premessa 1 sabiex ikun żgurat li ż-żerriegħa ta' dawn l-ispeċi tissodisfa l-istess rekwiżiti fl-Istati Membri kollha li qed jieħdu sehem. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu bbażati fuq il-kundizzjonijiet stipulati fl-Iskemi ta' Ċertifikazzjoni tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni Varjetali jew il-Kontroll taż-Żrieragħ intiżi għall-Kummerċ Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem: l-Iskemi tal-OECD) jew fl-istandards nazzjonali tal-Istat Membru fejn hija prodotta ż-żerriegħa.

(8) Barra mill-kundizzjonijiet ġenerali pprovduti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/371/KE tal-20 ta' April 2004 dwar kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet ta' żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti tal-għalf [1], għandhom jiġu stipulati kundizzjonijiet speċifiċi għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet inklużi fl-esperiment. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw il-ġabra ta' informazzjoni biżżejjed għall-evalwazzjoni tal-esperiment. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu stipualti regoli dwar it-tikkettjar, il-monitoraġġ u r-rappurtar.

(9) Minħabba n-natura esperimentali tal-miżura pprovduta f'din id-Deċiżjoni, għandha tiġi ffissata l-kwantità massima għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet ta' żerriegħa, b'mod li titqies il-ħtieġa li jiġu ttestjati taħlitiet differenti bl-użu tal-faċilitajiet eżistenti.

(10) Biex jagħmluha possibbli lill-Istati Membri biex jivverifikaw li ma tinqbiżx il-kwantità massima, il-kumpaniji li beħsiebhom jipproduċu dawn it-taħlitiet taż-żrieragħ għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri kkonċernati l-kwantitajiet li beħsiebhom jipproduċu. L-Istati Memebri għandhom ikollhom il-possibilità li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tat-taħlitiet taż-żrieragħ fejn dawn jikkunsidraw li dan hu neċessarju fid-dawl tal-ħtieġa li jittestjaw taħlitiet differenti mingħajr ma jeċċedu l-kwantità massima.

(11) Sabiex jippermettu l-forniturі li jipproduċu u jqiegħdu fis-suq kwantità suffiċjenti ta' żerriegħa, biex jagħmluha possibbli għall-awtoritajiet kompetenti biex jispezzjonaw dak il-materjal u jiġbru biżżejjed informazzjoni, u waħda li tkun komparabbli biex tintuża għat-tħejjija tar-rapport, l-esperiment għandu jsir tul perjodu ta' mill-inqas ħames staġuni ta' tqegħid fis-suq.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Suġġett

Jiġi organizzat esperiment temporanju fil-livell Komunitarju biex jevalwa jekk l-ispeċi li ġejjin: il-*Biserrula pelecinus*, il-*Lotus glaber*, il-*Lotus uliginosus*, il-*Medicago italica*, il-*Medicago littoralis*, il-*Medicago murex*, il-*Medicago polymorpha*, il-*Medicago rugosa*, il-*Medicago scutelatta*, il-*Medicago truncatula*, l-*Ornithopus compressus*, l-*Ornithopus sativus*, il-*Plantago lanceolata*, it-*Trifolium fragiferum*, it-*Trifolium glanduliferum*, it-*Trifolium hirtum*, it-*Trifolium michelianum*, it-*Trifolium squarrosum*, it-*Trifolium subterraneum*, it-*Trifolium vesiculosum*, u l-*Vicia benghalensis* (minn issa 'l quddiem "l-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1"), jistgħux jitqiegħdu fis-suq bħala taħlitiet taż-żrieragħ, inkella fihom, bil-għan li jiġi deċiż jekk uħud minn dawn l-ispeċi, jew inkella kollha kemm huma, għandhomx jiġu inklużi fil-lista ta' pjanti tal-għalf fl-Artikolu 2(1)(A) tad-Direttiva 66/401/KEE.

Artikolu 2

Il-Parteċipazzjoni tal-Istati Membri

Kull Stat Membru jista' jipparteċipa fl-esperiment.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-esperiment (minn issa 'l quddiem: l-Istati Membri li qed jieħdu sehem) għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Għaldaqstant huma jistgħu jtemmu l-parteċipazzjoni tagħhom fi kwalunkwe żmien billi jgħarrfu lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 116, 22.4.2004, p. 39.

Artikolu 3

Il-Ħelsien mill-Obbligi

1. Għall-finijiet tal-esperiment, taħlitiet taż-żrieragħ li fihom l-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1, bi żrieragħ ta' speċi mniżżla fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/55/KE jew 2002/57/KE, jew inkella mingħajrhom, jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fl-Artikoli 4 u 5.

2. L-Istati Membri li qed jieħdu sehem huma meħlusa mill-obbligi pprovduti fit-tieni inċiż tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 66/401/KEE.

Artikolu 4

Il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw żerriegħa tal-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1

Iż-żerriegħa tal-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun tappartjeni lil varjetà mniżżla f'katalgu nazzjonali ta' Stat Membru jew fil-Lista ta' Varjetajiet Eliġibbli għaċ-Ċertifikazzjoni taż-Żerriegħa tal-OECD;

(b) hija ċċertifikata skont l-Anness I;

(c) tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1 tal-Anness II.

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw it-taħlitiet li se jkunu inklużi fl-esperiment

Barra mill-kundizzjonijiet ipprovduti fid-Deċiżjoni 2004/371/KE, it-taħlitiet inklużi fl-esperiment għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 2 tal-Anness II.

Artikolu 6

Restrizzjonijiet kwantitattivi

1. L-Istati Membri li qed jieħdu sehem għandhom jiżguraw li l-kwantità sħiħa ta' żerriegħa li tkun se tintuża f'taħlitiet inklużi fl-esperiment ma taqbiżx l-1 000 tunnellata fis-sena.

2. L-Istati Membri li qed jieħdu sehem għandhom jiżguraw li l-kumpaniji jiddikjaraw lill-awtorità msemmija fil-punt (A)(I)(c)(2) tal-Anness IV tad-Direttiva 66/401/KEE il-kwantità ta' taħlitiet taż-żrieragħ li beħsiebhom jipproduċu.

Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' taħlita taż-żerriegħa jekk dan iqis li, fid-dawl tal-għan tal-esperiment, ma jkunx xieraq li jitqiegħdu fis-suq kwantitajiet addizzjonali tat-taħlita taż-żerriegħa kkonċernata. Dan għandu jinforma immedjatament lill-kumpanija jew kumpaniji kkonċernati.

Artikolu 7

Monitoraġġ

L-Awtorità msemmija fil-punt (A)(I)(c)(2) tal-Anness IV tad-Direttiva 66/401/KE tal-Istati Membri li qed jieħdu sehem għandhom isegwu l-esperiment.

Artikolu 8

L-obbligi ta' rappurtar

1. L-Istati Membri li qed jieħdu sehem għandhom, għal kull sena, iressqu rapport lill-Kummisjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jinkludi lista ta' speċi użati fit-taħlitiet inklużi fl-esperiment, u l-kwantità mqiegħda fis-suq għal kull waħda minn dawn it-taħlitiet sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fir-rapport kull informazzjoni relevanti oħra.

2. Fi tmiem l-esperiment u, f'kull każ, fi tmiem il-parteċipazzjoni tagħhom, l-Istati Membri li qed jieħdu sehem għandhom, sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, iressqu rapport lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jinkludi l-informazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness II. Ir-rapport jista' jinkludi informazzjoni oħra li huma jikkundisraw relevanti fid-dawl tal-għan tal-esperiment.

Artikolu 9

Perjodu ta' żmien

L-esperiment għandu jibda fl-1 ta' Ġunju 2009 u jiġi fi tmiemu fil-31 ta' Mejju 2014.

Artikolu 10

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-ISPEĊI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 U L-KUNDIZZJONIJIET GĦAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAGĦHOM

Speċi	Ġerminazzjoni minima (% ta' żerriegħa pura) [a])	Purità analitika minima (% f'piż)	Kontenut massimu ta' żerriegħa ta' pjanti ta' speċi oħra (% f'piż)	Kontenut massimu ta' żrieragħ ta' speċi ta' pjanti oħrajn f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 7	Piż massimu ta' lott (tunnellati)	Piż minimu ta' kampjun li għandu jittieħed minn lott (grammi)
1	2	3	4	5	6	7
Biserrula pelecinus	70 (inklużi żrieragħ ibsin)	98	0,5	[c]) [d]) [e])	10	30
Lotus uliginosus	75 (40)	97	0,5	[c]) [d]) [e])	10	25
Lotus glaber	75 (40)	97	0,5	[c]) [d]) [e])	10	30
Medicago murex	70 (30)	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	50
Medicago polymorpha	70 (30)	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	70
Medicago rugosa	70 (20)	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	180
Medicago scutellata	70	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	400
Medicago italica	70 (20)	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	100
Medicago littoralis	70	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	70
Medicago truncatula	70 (20)	98	2,0	[c]) [d]) [e])	10	100
Ornithopus compressus	75 (inklużi żrieragħ ibsin)	90	1,0	[c]) [d]) [e])	10	120
Ornithopus sativus	75 (inklużi żrieragħ ibsin)	90	1,0	[c]) [d]) [e])	10	90
Plantago lanceolata	75	85	1,5	[c]) [d]) [e])	5	20
Trifolium fragiferum	70	98	1,0	[c]) [d]) [e])	10	40
Trifolium glanduliferum	70 (30)	98	1,0	[c]) [d]) [e])	10	20
Trifolium hirtum	70	98	1,0	[c]) [d]) [e])	10	70
Trifolium. michelianum	75 (30)	98	1,0	[c]) [d]) [e])	10	25
Trifolium squarrosum	75 (20)	97	1,5	[c]) [d]) [e])	10	150
Trifolium subterraneum	80 (40)	97	0,5	[c]) [d]) [e])	10	250
Trifolium vesiculosum	70 (inklużi żrieragħ ibsin)	98	1,0	[c]) [d]) [e])	10	100
Vicia benghalensis	80 (20)	97 [b])	1,0	[c]) [d]) [e])	20	1 000

[a]) Meta sal-kwantità massima indikata, żerriegħa iebsa li tkun preżenti għandha titqies bħala żerriegħa li tista' tiġġermina.
[b]) Total massimu ta' 6 % f'piż ta' żrieragħ tal-*Vicia pannonica*, tal-*Vicia villiosa* jew tal-speċi kkultivati relatati fi speċi relevanti oħrajn ma għandux jitqies bħala impurità.
[c]) Żrieragħ tal-*Avena fatua* u tal-Avena sterilis ma għandhomx ikunu preżenti f'kampjun tal-piż preskritt.
[d]) Il-preżenza ta' żerriegħa waħda tal-*Cuscuta* spp. f'kampjun bil-piż doppju ta' dak preskritt ma għandhiex titqies bħala impurità meta t-tieni kampjun bil-piż doppju ta' dak preskritt ikun ħieles minn kwalunkwe żerriegħa tal-*Cuscuta* spp.
[e]) Il-preżenza taż-żrieragħ tar-*Rumex* spp., bl-eċċezzjoni tar-*Rumex acetosella* u tar-*Rumex* maritimus ma għandhiex taqbeż l-10 f'kampjun bil-piż preskritt.

ANNESS II

IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ESPERIMENT

1. Il-kundizzjonijiet għal żerriegħa tal-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1.

   (a) L-ispezzjoni fuq il-post għandha ssir skont l-Iskemi tal-OECD, fejn l-ispeċi huma koperti b'dawn l-Iskemi jew, jekk dan mhux il-każ, skont l-istandards nazzjonali tal-Istat Membru fejn hi prodotta ż-żerriegħa.

   (b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-lottijiet kollha taż-żerriegħa jkunu suġġetti għal spezzjoni fuq il-post, għal teħid ta' kampjuni u analiżi taż-żerriegħa skont id-Direttiva 66/401/KEE qabel ma dawn jitħalltu, kemm jekk uffiċjalment kif ukoll jekk taħt sorveljanza uffiċjali.

2. Il-kundizzjonijiet għat-taħlitiet li se jkunu inklużi fl-esperiment

   (a) Il-kampjuni taż-żerriegħa għandhom jittieħdu addoċċ mil-lottijiet tat-taħlitiet taż-żerriegħa li se jkunu inklużi fl-esperiment minn uffiċjali inkarigati mit-teħid tal-kampjuni taż-żrieragħ. Dawn il-kampjuni għandhom jintużaw bħala kampjuni ta' kontroll għall-iċċekkjar tal-kompożizzjoni tat-taħlitiet li se jkunu inklużi fl-esperiment skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/371/KE.

   Il-livell u l-intensità tat-teħid tal-kampjuni u tal-ispezzjonijiet mmexxija skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/371/KE għandhom ikunu adattati għall-għanijiet tal-esperiment.

   (b) Barra mill-informazzjoni mitluba mid-Direttiva 66/401/KEE u d-Deċiżjoni 2004/371/KE, it-tikketta uffiċjali għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

      (i) l-ismijiet botaniċi tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 (inkluż il-varjetajiet, fejn hu l-każ) inklużi fit-taħlita li se tkun inkluża fl-esperiment;

      (ii) il-perċentwali tal-kompożizzjoni f'piż tal-komponenti varji murija skont l-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 u, fejn hu l-każ, skont il-varjetà;

      (iii) referenza għal din id-Deċiżjoni.

   Fejn l-informazzjoni msemmija fil-punti (i) u (ii) mhix leġibbli fuq it-tikketta uffiċjali, it-taħlita inkluża fl-esperiment tista' titqiegħed fis-suq bl-isem tat-taħlita. Dan isir kemm-il darba l-informazzjoni msemmija fil-punti (i) u (ii) tkun ġiet innotifikata bil-miktub lix-xerrej u tkun ġiet irreġistrata uffiċjalment.

3. Informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata.

   (a) isem l-ispeċi (inkluż il-varjetajiet, fejn relevanti) użati fit-taħlitiet inklużi fl-esperiment;

   (b) il-kwantità ta' kull taħlita taż-żerriegħa li qed tkun inkluża fl-esperiment li titqiegħed fis-suq waqt il-perjodu awtorizzat, u l-Istat Membru li għalih kienet intiża t-taħlita taż-żerriegħa;

   (c) il-kompożizzjoni tat-taħlitiet li se jkunu inklużi fl-esperiment li tqiegħdu fis-suq;

   (d) il-proċeduri (l-istandards) segwiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 (l-Iskemi tal-OECD jew l-istandards nazzjonali);

   (e) ir-riżultati tal-ispezzjoni fuq il-post u tat-testijiet fil-laboratorju għaċ-ċertifikazzjoni tal-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1, fejn dawn isiru fl-Istati Memebri;

   (f) l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet taħt l-Iskemi tal-OECD, partikolarment fir-rigward tal-kwantità, tal-kompożizzjoni tat-taħlitiet taż-żerriegħa li huma inklużi fl-esperiment, il-pajjiż tal-oriġini u t-tikkettjar;

   (g) ir-riżultati tat-testijiet li jsiru skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu (2) dwar il-kampjuni ta' kontroll;

   (h) analiżi ta' kost benefiċċji li għandha tintuża biex tkun (jew ma tkunx) ta' sostenn għall-għan tal-esperiment.